MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Numru. 702/2004

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)

vs

Maria Abela Marsala

Il-Qorti ,

Rat li l-imputata Maria Abela Marsala ta' 32 sena, mart Anthony bint L' Ernesto u Francis nee' Mattocks, imwielda Gzira fil-05 ta' Settembru 1971 u residenti 387, Rue d' Argens, Gzira u detentrici tal-karta tal-identita' numru 403671 (M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

F' Tas-Sliema, f' San Giljan u f' diversi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, fit-08 ta' Marzu 2004 u f' dati ohra, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamlet falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' payment order ghan-nom ta' ***Banca di San Paolo***, Nucleo Estero, Roma mahrug a favur ta' ***PDK Financial Services Ltd*** (iddatat: 08 ta' Marzu 2004), billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet , dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw***, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

2. Ghamlet xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, u dan **bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. Iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe' payment order ghan-nom ta' ***Banca di San Paolo***, Nucleo Estero, Roma mahruga a favur ta' ***PDK Financial Services Limited*** (iddatat: 08 ta' Marzu 2004, illi meta jigi prezentat, wiehed jista' jircievi bih hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur ta' **l-Artikolu 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

4. Xjentement ghamlet uzu minnha **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Maria Abela Marsala ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Awwissu 2004 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2004 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha tigi trattata bi procedura sommarja u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha kif registrata fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputata (esebita *a folio 6* tal-process), u l-fatt li ammettiet l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 17, 183, 184 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lil imputata hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputata l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li tonqos milli tosservaha.

L-imputata min-naha taghha tiddikjara li fehmet ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tonqos milli tosservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------